## FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR JOSEPH APAP BOLOGNA BA LL D

Illum 15 ta' Mejju, 2001

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Antoine Casha)**

**VS**

**Francis sive Frankie Azzopardi**

**IL-QORTI**

Rat l-atti kollha tal-kumpilazzjoni migbura fil-konfront tal-imputat u dan talli:

Fit-8 ta' Marzu, 1990, f'Bugibba bejn it-8.15 p.m. u l-10.50 p.m. ikkommetta serq ta' karozzza tal-marka BMW bin-numru ta' registrazzjoni J 1563 ghad-dannu ta' Gawdenz Cilia. Dan is-serq hu kkwalifikat bil-mezzz, hin, xorta tal-haga misruqa u valur li jeccedi l-elf lira maltin. Barra minnhekk xjentement f'dawn l-ahhar xhur laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun inhdahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Generali a fol 96 tal-process li permezz taghha billi deherlu li tista tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub:

a) fl-artikoli 261 (b) (c) (f) (g), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271(g), 278 (1) (2) (3), 20, 279 (b), 280 (2), 334, u 533 tal-Kodici Kriminali,

Iddecieda li jibghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn din il-Qorti f'nuqqas ta' oggezzjoni da parti tieghu.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma ghandux tali oggezzjoni (fol 97 ibid).

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Ottubru,1991 a fol 100 ibid kif ukoll ta' dik mizmuma fl-17 ta' Jannar, 1992 a fol 116 ibid.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu u rat id-dokumenti esebiti minnu.

Semghet ix-xhieda prodotti mid-difiza tal-akkuzat kemm in ezami u kemm in kontro ezami.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jidher li l-prosekuzzjoni bniet il-kaz taghha vis a vis l-akkuzi migjuba kontra l-akkuzat madwar ix-xhieda u dokumenti sottomessi minn Carmelo Bianco u jkun opportun li, hanwhekk trattasi ta' kaz altement kompless, illi jigu sintetizzati l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni u mill-akkuzat in difesa.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi da parti <u>tal-prosekuzzjoni</u> gew prodotti is-segwenti:

a) <u>Gawdenz Cilia</u> ( fol 19 et seq ibid) propjetarju ta' karozza tal-marka BMW 320 bin-numru J 1563 (M) li xehed dwar kif fit-8 ta' Marzu, 1990 bejn it-8.30 p.m. u il-11.00 p.m. kienet insterqet din il-karozza waqt li kien fil-Qawra. In rigward l-istess serqa hu kien gie risarcit mis-socjeta assikuratrici tieghu. In rigward dan, a fol 24 immarkat

dok GC tinsab annessa il-polza relattiva minn fejn jidher li l-istess vettura kienet BMW 320 b'cilindrata ta' 1990 cc b'numru tal-magna u tax-chassis 6724342 u bhala kulur metallic maroon. Sussegwentement, fil-kwartieri generali tal-pulziija kien gharaf karozza, misruqa lilu u tal-istess tip, bhala dik misruqa minn ghandu u dan minn toqba fil-manifold mghottija bl-araldite. Jidher ukoll li kienu qablu ic-cwievet tal-ignition avolja il-magna ma gietx imqabbda. Fl-ahhar nett minn tlett ritratti annessi mal-atti a fol 33 gharaf il-vettura fl-istess ritratti bhala dik misruqa (ara ukoll ix-xhieda ta' George Bonnici a fol 44 tal-atti in rigward risarciment mis-socjeta assiskuratrici tieghu wara li nsterqet l-istess karozza).

b) Skond l-ufficjal tal-pulizija li nvestiga dan il-kaz l-ispettur Antoine Casha (fol 25 et seq ibid) fit-23 ta' Frar, 1991 kien gie nformat minn Carmel Bianco, assistit mill-avukat tieghu, li l-istess Biancho kien akkwista BMW hamra, aktarx misruqa, liema akkwist kien sar fi forma ta' tpartit kif ukoll hlas ta' ammont ta' flus kontanti. Difatti skond l-istess rapport, Bianco allega li hu kien partat mal-akkuzat, karozza tal-marka Renault flimkien ma' LM650 fi flus kontanti ma' zewg karozzi tal-marka BMW, rispettivament ta' kulur abjad u ahmar, din tal-ahhar allegatament dik misruqa minghand Gawdenz Cilia. L-istess Bianco, oltre li gablu l-log book (Dok AC4 u a fol 35 tal-atti) tal-BMW kulur ahmar numru A 0128 kif ukoll il-licenzja imwahhla mal-windscreen ta' din il-karozza. Skond l-istess ufficjal investigattiv, dan il-log book, skond ma qallu Carmelo Bianco, kien dak li inghata lilu mill-akkuzat. Minn dan id-dokument jidher li l-istess vettura hi registrata fuq isem l-akkuzat u ghandha bhala numru tal-magna u tax-chasses 2190273 waqt li l-kulur hu specifikat bhala ahmar (light blue), ic-cilindrata hi mnizzla bhala 2500cc. Waqt l-investigazzjoni gew elevati, minn fejn kienu jinstabu, iz-zewg karozzi imsemmija (ara ix-xhieda ta' PS 1296 John Mizzi a fol 38 ibid) u ezaminati n-numri ta-magna u tax-chasses ta' dik b'kulur ahmar. In rigward in-numru tax-chasses, oltre li

kien hemm numru mhux car fil-post fejn ma hux suppost li jkun hemm, fuq ix-xellug kien hemm numru mizbugh b'zebgha sewda u a bazi ta' dan gie stabbilit li dan kien jikkorrispondi mal-karozza misruqa u appartenenti lil Gawdenz Cilia, ossija il-karozza BMW bin-numru J1563 waqt li l-log book imsemmi konsenjat lill-pulizija minn Carmelo Bianco fil-fatt kien jappartjeni lill-BMW l-ohra ta' kulur abjad.

c) Hawnhekk wasalna fix-xhieda tal-imsemmi <u>Carmelo sive Charles Bianco</u> (fol 49 u 138 et seq ibid) li spjega kif minghand l-akkuzat kien akkwista <u>zewg karozzi</u> tal-marka BMW, wahda ta' kulur ahmar u l-ohra ta' kulur abjad u deskritta bhala mimlija b'sadid u bit-tyres taghha baxxi u minghajr il-pjanci tan-numri. Bhala kontro partita, l-istess xhud hallas LM650 fi flus kontanti kif ukoll ta lill-akkuzat karozza tal-marka Renault. In rigward dan il-ftehim, dan ix-xhud originarjament accenna ghal <u>karta</u> iffirmata minnu minghajr ma gew dikjarati l-flus kontanti imsemmija izda li fiha kien hemm miktub li kellu jsir it-transfer taz-zewg karozzi imsemmija. F'dawn l-atti, bhala karta maghmula bejn l-akkuzat u dan ix-xhud, giet esebita wahda mill-istess xhud waqt il-kontro ezami (<u>dok CB3</u> a fol 144 ibid) kif ukoll ohra mill-istess akkuzat (<u>dok FA</u> a fol 114 ibid). Jidher fil-fatt, mill-istess karta esebita mix-xhud, li hi identika ghal dik esebita mill-akkuzat illi "betlu <u>BMW</u> <u>2500 No A 1028,</u> partatuli ma' Renault (5) H 2835 bil-patt li (kelma mhux cara) it-transfer ta' <u>tnejn</u>" Skond dejjem l-istess xhud, l-ewwel kien ha dik ta' kulur ahmar waqt li jumejn wara kien mar fl-istess post tal-akkuzat u akkumpanjat minn Raymond Dimech sabiex jiehu l-ohra ta' kulur abjad billi din ingibdet b'habel minghajr pero, l-aircleaner u il-pjanci ta' din. Eventwalment, l-akkuzat kien informah li l-pjanci tan-numri tal-BMW bajda kienu imwahhlin ma' dik ta' kulur ahmar waqt li l-bajda kienet minghajr pjanci. Ghalhekk hu kien mar ghand l-avukat tieghu u sussegwentement sar ir-rapport lill-pulizija u ikkonsenjalu diversi dokumenti u atti li diga saret referenza ghalihom fosthom il-pjanci

tal-BMW kulur hamra bin-numri A0128 kif ukoll il-log book in konnessjoni ma' vettura b'dan in-numru. Meta xehed in kontro ezami, hu qal li, fil-pussess tieghu kellu diversi vetturi fosthom BMW ta' kulur orangjo bin-numru F0756. In rigward din il-vettura, akkwistata minnu fil-bidu ta' Frar, hu kien ipprova jittrasferiha lil certu "Bloq" u iehor. In rigward dik ta' kulur ahmar, hu qal li qatt ma ghamel tentattiv sabiex ibiegh din il-vettura lil xi persuna ohra, inkluz George Gatt, waqt li sussegwentement qal ukoll "Jekk insib lil minn inbieghha, jiena inbieghha". Di fatti hu kien ftiehem dwar prezz (LM1800 jew LM2000) ma' wiehed mill-Mosta in konnessjoni ma' din il-vettura u mhux wahda bl-ittra "F" liema negozju kien thassar wara li l-akkuzat kien informah li mal-BMW ta' kulur ahmar kien hemm imwahhlin il-pjanci bin-numru ta' dik kulur abjad. L-istess Carmelo Bianco kien gie <u>riprodott</u> waqt is-smigh tal-provi tad-difiza. Kien hawnhekk, <u>wara li xehed l-istess akkuzat kif ukoll ix-xhieda prodotti minn dan</u> (ara infra) li hu esebixxa skrittura privata (fol 144 tal-atti mmarkata dok CB2) li tikkorrispondi ghal dik li kienet diga giet esebita mill-istess akkuzat. Din l-iskrittura tirreferi, skond l-istess xhud, ghall bejgh in ezami li sar bejnu u l-akkuzat in konnessjoni ma' BMW 2500 numru A1028 ta' kulur ahmar li inghatat lix-xhud u dan da parti tieghu kien ikkonsenja lill-akkuzat il-karozza tal-marka Renault 5 hawn fuq imsemmija. Skond ix-xhud, il-BMW imsemmija f'din l-iskrittura kienet dik li fuqha hu akkuzat Frankie Azzopardi. Ta' min jinnota li fl-istess skrittura ma jissemmiex la BMW ta' kulur abjad, lanqas is-somma ta' LM650 li diga saret referenza ghaliha bhala parti mill-prezz.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi in atti jidher li xehed ukoll hu ix-xhud precedenti, ossija Emanuel Angelo sive Noel Bianco (fol 65 et seq ibid). Dan fis-sustanza ikkorrobora ix-xhieda ta' huh Carmelo Bianco in

konnessjoni mal-ftehim bejn dan u l-akkuzat, kif spjegat fix-xhieda tal-istess huh.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-BMW 2500 ta' kulur abjad hawn fuq imsemmija gew prodotti zewg xhieda, ossija John Micallef (fol 71 et seq ibid) u John Mary Tabone (fol 74 et seq ibid). L-ewwel xhud imsemmi, li hu negozjant fil-vetturi, ikkonferma li il-vettura deskritta fil-log book immarkat Dok AC 4 a fol 35 tal-atti kienet fil-pussess tieghu izda b'kulur differenti, ossija metallic light blue. Hu kien bieghha lil certu Jimmy Tabone gia imsemmi, li da parti tieghu kien, pero, gabilu lura ghar-raguni specifikata fl-istess xhieda.

Sussegwentement, kien rega bieghha lil persuna ohra. Wara dan il-bejgh, kien jara l-istess vettura fil-Marsa izda b'kulur iehor ossija abjad. In oltre, kien ta il-kunsens tieghu lill-akkuzat sabiex isir it-transfer relattiv.

In rigward it-tieni xhud, dan ikkonferma li, ghal xi zmien, kellu fil-pussess tieghu il-BMW bin-numru A1028 u ta' kulur celesti mettalliku, mixtrija minghand ix-xhud precedenti. L-istess xhud ikkonferma li l-log book immarkat Dok AC 4, kien fil-pussess tieghu meta l-istess vettura kienet tappartjeni lilu. In oltre, din il-vettura ma kienitx dik murija fuq ir-ritratti mmarkati Dok AC a fol 33 tal-atti, in vista li dik hekk murija hija tat-tip 3200, waqt li l-BMW li kienet fil-pussess tieghu kienet tat-tip 2500 waqt li fuq ir-ritratti mmarkati Dok AC1 a fol 34 ibid, kien hemm BMW bajda tal-istess tip li kienet fil-pussess tieghu.

Ikkunsidrat

Illi gie prodott xhud iehor, ossija Joseph Debattista ( fol 90 et seq ibid), li ddikjara li kien partat karozza BMW ta' kulur abjad ma' serkin appartenenti lill-akkuzat. In rigward l-istess karozza, li ma jiftakarx x'numru ta' registrazzjoni kellha, hu gharafha bhala dik murija fuq ir-ritratti mmarkati Dok AC 1. Hu irrefera ukoll ghal dik murija fuq ir-ritratti mmarkati Dok AC 1 billi qal li ragel ossija tifel, li ma kienx l-akkuzat, kien offra lilu sabiex jixtri

l-BMW hamra li "tixbah hafna" izda bi prezz gholi fil-fehema tieghu.

Illi l-ahhar xhud prodott mill-prosekuzzjoni kien effettivament l-espert tekniku nominat mill-Qorti, William Cassar Torreggiani (fol 101 et seq ibid) li ezamina karozza tal-marka BMW ta' kulur orangio u minghajr pjanci tan-numri ta' registrazzjoni kif murija fuq id-dokument immarkat Dok AC imsemmi. Wara li stmaha LM3200 hu irrimarka ukoll li taht kien hemm kulur "blue" wara li barax il-kulur superficjali.

Ikkunsidrat

Illi l-akkuzat (fol 105 et seq ibid) issottometta, fix-xhieda tieghu, illi:

1) Carmelo Bianco kien interessat li jakkwista il-BMW ta' kulur abjad. L-akkuzat kien informah li bhala prezz, kien qed jitlob LM400 waqt li Carmelo Bianco offra li jsir tpartit ma' karozza ohra. In konessjoni ma' dan, hu kien ittiehed f'garage f'hal Qormi, fejn intwera diversi karozzi, fosthom wahda tal-marka Renault 5 u ta' kulur iswed. Bhala konsegwenza ta' dan il-ftehim verbali, saret karta esebita in fotokopja u mmarkata bhala dok FA a fol 114 tal-atti. Jinghad li gia saret referenza ghal din l-iskrittura, fis-sintesi tax-xhieda tal-istess Carmelo Bianco li, kif diga inghad, esebiha mhux waqt l-ezami izda fil-bidu nett tal-kontro ezami tieghu. In rigward l-istess skrittura iffirmata mit-tnejn, jidher minnha, li l-akkuzat biegh BMW ( ta' cilindrata) 2500 bin-numru A1028 minghajr ma gie ipprecizat il-kulur lill-istess Bianco, li da parti tieghu, ikkonsenjalu l-istess Renault bin-numru H2853 u bil-kundizzjoni hemm inkluza.

2) In rigward il-BMW bajda ikkonsenjata lil Carmelo Bianco, kif inghad hawn fuq, hu kien akkwistaha minghand "Joe il-Bloqq" (presumibilment Joseph Debattista – ara fuq).

3) Xi erbat'ijiem wara, l-istess Bianco kien ha 'l hemm l-istess BMW ta' kulur abjad billi rmonkaha, stante brakes difettuzi.

4) Sussegwentement kien iltaqa mal-istess Carmelo Bianco f'santa Venera u waqt diskussjoni li kien hemm bejnu u dan tal-ahhar, dwar it-transfer u il-log book tal-istess Renault 5, kien innota li dan kien qed juza karozza BMW ta' kulur orangio minghajr pero, ma seta jiftakar jew innota in-numri ta' din.

5) L-akkuzat semma kif Carmelo Bianco kien offra ghal bejgh lil diversi nies BMW ta' kulur orangio u li kellha in-numru ta' registrazzjoni ingliz, aktarx jibda bl-ittra "F".

6) In rigward il-BMW ta' kulur orangio l-akkuzat asserixxa, b'mod enfatiku, li din il-vettura qatt ma kienet tieghu kif ukoll qatt ma ghaddiet minn taht idejh. Di fatti hu jsostni li l-unika karozza li kkonsenja lill-istess Carmelo Bianco kienet dik ta' kulur abjad u bi tpartit.

Ikkunsidrat

Illi in sostenn ta' dak li xehed, oltre ghad-dokument imsemmi, immarkat dok FA a fol 114 tal-atti, l-akkuzat ipproduca diversi xhieda, fosthom Carmelo Bianco in kontro ezami kif diga sar referenza aktar il-fuq. Dawn ix-xhieda huma:

a) George Gatt (fol 117 et seq ibid) li sema' li Carmelo Bianco kien offra lilu, sabiex jixtriha, karozza BMW 320 hamra bin-numru taghha jibda bl-ittra "F" u dan bil-prezz ta' LM2200. In oltre sema' li Carmelo Bianco kien interessat f'BMW ohra, appartenenti lill-akkuzat u li kienet ta' kulur abjad u ta' mudell differenti mill-hamra imsemmija. Skond ix-xhud, kienet saret karta bejn l-akkuzat u Carmelo Bianco miktuba bil-biro tax-xhud, liema karta kien il-ftehim bejn Bianco u l-akkuzat in konnessjoni mal-BMW ta' kulur abjad. In oltre, hu kien ra

lill-istess Bianco jigbed din il-vettura ‘l hemm, liema vettura kienet bhal dik murija fuq ir-ritratti a fol 33 tal-atti.

b) Mario Micallef ( a fol 126 et seq ibid) flimkien ma’ huh Joseph Micallef ( a fol 130A et seq ibid) negozjanti fil-karozzi, li xehedu dwar kif Carmelo Bianco kien biegh, madwar xahrejn qabel April 1991, lill-istess Mario Micallef, karozza tal-marka BMW 320 ta’ kulur maroon kwazi fl-ahmar u bin-numru ta’ registrazzjoni jibda bl-ittra ”F”. Sussegwentement, kienu ghaddew xi jumejn u dan il-bejgh kien gie rexiss fuq talba tal-istess Carmelo Bianco jew hu dan, stante li kien hemm xi inkwiet fuq it-transfer tal-istess vettura. Joseph Micallef kien cert li hu kien ra il-log book tal-istess vettura u hu kien ra l-engine u chassis numbers ta’ din li kienu jikkorrispondu ma’ dawk imnizzlin fl-istess log book. In oltre, l-istess Joseph Micallef kien cert ‘99%’ li din il-BMW kienet dik murija fuq ir-ritratt numru 11041079066, formanti parti mid-dok AC a fol 33 ibid (ara ukoll x’xehed Mario Micallef f’dan ir-rigward).

Ikkunsidrat

Illi mill-premess jidher li l-konkluzzjonijiet f’dan il-kaz ghandhom ikunu is-segwenti:

1. Fit-8 ta’ Marzu, 1990, kienet insterqet il-karozza BMW 320 numru J1563 waqt li kienet tinstab fi triq Felice fil-Qawra. Jidher li l-vettura imsemmija u appartenenti lil Gawdenz Cilia hi dik murija fuq ir-ritratti mmarkati Dok AC a fol 33 tal-atti.

2. Ma instab xejn, in linea ta’ provi li seta minimament jikkolega din is-serqa mal-akkuzat.

3. In rigward l-akkuza ta’ ricettazzjoni a bazi tal-artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, kif diga inghad, il-prosekuzzjoni qed tibbaza ruhha principalment, fuq ix-xhieda ta’ Carmelo

Bianco u id-dokumenti sottomessi minn dan, flimkien ma' dik ta' hu dan, Noel Bianco.

A bazi ta' dan, il-prosekuzzjoni tghid li gabet provi sufficjenti sabiex l-akkuzat jinstab hati ta' din l-akkuza in vista li tikkontendi li l-istess akkuzat kien biegh lill-istess Carmelo Bianco karozza rizultanti li kienet misruqa. Da parti tieghu, l-akkuzat qed jinnega dan kollu u anzi, isostni li din il-vettura qatt ma kienet tieghu u qatt ma ghaddiet minn taht idejh.

In rigward dan, apparti kull kunsiderazzjoni dwar konflitt fil-provi, ghandha issir referenza ghall-iskrittura gia imsemmija u esebita kemm mill-akkuzat u kemm mill-istess Carmelo Bianco (ara fol 114 a fol 145 tal-istess atti). Din l-iskrittura tirreferi ghall-karozza wahda tal-marka BMW b'cilindrata 2500, minghajr referenza ghal xi hlas u flus kontanti jew ghal xi karozza ohra waqt li dik li nsterqet kienet tat-tip 320.

Dan hu sufficjenti sabiex ikun hemm dubbju dettat mir-raguni dwar dak li qed tikkontendi il-prosekuzzjoni in konnessjoni mal-akkuza ta' ricettazzjoni migjuba fil-konfront tal-akkuzat.

Dan premess, ma hemmx il-htiega li din il-Qorti tara jekk l-istess akkuzat kienx qed jagixxi jew le, xjentement (f'element ta' scienter) kif applikabbli f'kaz bhal dan.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti issib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Alan Calleja
Deputat Registratur. Vera kopja

Ghar-Registratur.